## X’se jipprovdi l-GMES?

Il-GMES se tkun tista’ tagħti servizzi li jistgħu jkunu kklassifikati fi tliet kategoriji:

- **Isiru mapep ta’ wiċċ id-Dinja**
  Użu ta’ l-art, inventarju tal-foresti, il-qagħda tar-reġjuni polari, monitoraġġ ta’ reġjuni marittimi u kostali, …
- **Appoġġ lill-immaniġġjar ta’ riskji**
  Immaniġġjar aħjar ta’ għargħar, nirien tal-foresti, uqigħ ta’ mases ta’ ġebel minn għoljiet u attività vulkanika. Jingħata appoġġ aktar effiċjenti lil għajnuna umanitarja.
- **Tbassir**
  Oċeani u zoni kostali, kwalità ta’ l-arja u l-ilma, livelli ta’ tinġis, …

## Aktar fuq il-GMES

Biex tkun taf aktar fuq il-GMES, żur il-websajts li ġejjin:

**www.gmes.info**
**www.esa.int/esaLP/LPgmes.html**

jew ara l-links imniżżlin fil-paġna tal-websajt:

**www.gmes.info/linkliste.0.html**

## Meta se tibda l-GMES?

Qed ikunu żviluppati tliet servizzi pilota u dan għandhom jibdew joperaw mill-2008:

- **Tweġiba għal emerġenza**
  L-objettiv hu li tissaħħaħ il-kapaċità Ewropea li tforni informazzjoni biex twieġeb għal kriżijiet u emerġenzi assoċjati ma’ diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem.
- **Monitoraġġ ta’ l-Art**
  L-objettiv hu li tingħata informazzjoni fuq użu ta’ l-art u bidliet ta’ medda ta’ art għal għadd ta’ zoni magħżulin apposta fuq skali globali, Ewropej, nazzjonali u lokali (immudellar ta’ bidliet fil-klima, dimensjoni globali ta’ politiki ambjentali u ta’ żvilupp ta’ l-UE).
- **Servizzi marittimi**
  L-objettiv hu li tingħata informazzjoni fuq l-istat ta’ l-oċeani u zoni kostali, fosthom:
  - settijiet ta’ tagħrif globali u reġjonali; u
  - analiżi u tbassir operattivi (ngħidu aħna, kurrenti ta’ l-oċean, temperatura, oqsma ta’ salinità) fuq oċeani u ibħra f’livell globali u reġjonali.

Mill-2008 ’il quddiem ikun hemm dħul gradwali ta’ servizzi oħrajn biex iwieġbu għal ħtiġijiet tal-politika Ewropea u ta’ diversi komunitajiet ta’ utenti.

School Competition for a European Name
**Impact your Environment**



# GMES – Global Monitoring for Environment and Security

Servizzi għal ċittadini Ewropej biex jgħinuhom itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom permezz ta’ għarfien globali ta’ l-ambjent u ħafna aspetti oħrajn tal-ħajja ta’ kuljum.

European Commission | esa | European Space Policy | Education and Culture | European Union Committee of the Regions



Jien ferħan ħafna li int qbilt li tgħinna nagħżlu isem għal wieħed mill-proġetti l-aktar ambizzjużi, eċċitanti u li jħarsu fil-bogħod ta' l-Unjoni Ewropea: GMES jew Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà.

Din il-kompetizzjoni hija importanti ħafna għaliex tinvolvi liċ-ċittadini żgħażagħ ta' l-Ewropa fuq dan il-proġett Ewropew sewwasew fil-bidu ta' l-iżvilupp tiegħu.

Il-GMES tista' tagħtina l-għodod biex intejbu l-ambjent tagħna u għandha tgħinna nżommu l-pjaneta tagħna sigura` u f'saħħitha.

Jien napprezza l-kontribut u l-ideat tagħkom. Jalla jirbaħ l-aħjar tim!

Xewqat tajba,

Günter Verheugen
Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea inkarigat mill-Intrapriża u l-Industrija




# X 'inhi l-GMES?

Il-GMES hi inizjattiva` Ewropea biex tagħti l-informazzjoni meħtieġa għal:

- monitoraġġ u tbassir ta' żviluppi relatati ma' l-ambjent; u
- trattament ta' problemi relatati mas-sigurtà taċ-ċittadini.

# Għaliex il-GMES hi meħtieġa?

- Biex tistabbilixxi kapaċità indipendenti, li toffri appoġġ kontinwu lill-għanijiet ambjentali u ta' sigurtà Ewropej;
- Biex tipprovdi parti vitali mill-kontribut Ewropej għal kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent globali tal-pjaneta tagħna u s-sostenibilità tiegħu fit-tul; u
- Biex tiġbor, tintegra u ixerred informazzjoni minn diversi sorsi, billi toffri livell garantit u kwalità ċertifikata.

# Kif se taħdem il-GMES?

Il-GMES għandha:

- itejjeb sa l-aħjar li jista' kapaċitajiet u riżorsi umani diġà eżistenti;
- tiżviluppa mezzi effiċjenti għall-kejl u ġbir ta' tagħrif sostenibbli u li tista' toqgħod fuqu;
- tintegra r-riżultati tal-kejl ma' sistemi ta' analiżi relatati li għandhom jippermettu monitoraġġ u tbassir komprensiv ta' l-ambjent tagħna; u
- tagħmel l-informazzjoni aċċessibbli għal kull min irid jużaha.